IR-RABAT

# KUNSILL LOKALI IR-RABAT
## IS-SEBA' LEĠIŻLATURA
## MINUTI TAL-LAQGĦA NUMRU G 08

| | | |
|---|---|---|
| * | **Il-Kunsill iltaqa` nhar**<br>**It-Tlieta 17 ta' Settembru 2013 fis-7.00 pm**<br>**fl-Uffiċċji Amministrattivi f'nru 8, Triq l-Isptar, Ir-Rabat** | Data u ħin |
| ** | **Preżenti għal-Laqgħa:** | Attendenza |

| | |
|---|---|
| Is-Sur Charles Azzopardi | Sindku |
| Is-Sra Doris Coleiro | Viċi Sindku |
| Is-Sur Andrew Mallia | Kunsillier |
| Is-Sur Peter Paul Azzopardi | Kunsillier |
| Is-Sur Paul Grech | Kunsillier |
| Is-Sur Ian Vassallo | Kunsillier |
| Is-Sur Stephen Borg | Kunsillier |
| Is-Sra Orietta Masini Cardona | Segretarju Eżekuttiv |

**Skużat:**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Nazju Cassar | Kunsillier |

**1.00 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti – Seduta numru G 07**

1.01 Il-minuti tas-seduta nru G07 ġew meħuda bħala moqrija u approvati unanimament mingħajr ebda emenda u ffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv. — *Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti – Seduta numru G 07*

**2.00 Punti li joħorġu mill-Minuti G 07** — *Punti li joħorġu mill-Minuti G 07*

2.01 3.01 Is-Sindku informa l-laqgħa li t-talbiet tal-ħlas imsemmija fir-rapport ġew mgħoddija lill-perit tal-Kunsill għall-kunsiderazzjoni u ċertifikazzjoni tiegħu. — *Rapport bis-suġġett "Il-pożizzjoni u l-operat finanzjarju tal-Kunsill".*

** Il-Kunsillier Rudolf Grima daħal għal-laqgħa fis-7.15 ta' filgħaxija.



KUNSILL LOKALI IR-RABAT
8, Triq l-Isptar, ir-Rabat RBT 1043, Malta. Tel: (+356) 21455000 / 21451510 / 21454533
Fax: (+356) 21451945 e-mail: rabat.malta.lc@gov.mt www.rabatlocalcouncil.com

**3.00 Komunikazzjoni mis-Sindku inkluż korrispondenza**

3.01 Is-Sindku ta merħba u feraħ lill-Kunsillier Rudolf Grima għall-ħatra tiegħu fil-Kunsill. Fuq proposta tas-Sindku, l-Kunsillier Grima aċċetta r-responsabbiltajiet mogħtija lilu, li huma t-Turiżmu, Għaqdiet fir-Rabat u s-*Self Employed.*

Responsabbilitajiet mogħtija lill-Kunsillier Rudolf Grima

3.02 Is-Sindku talab lil jiġi nominat sostitut għall-Bord tal-Aġġudikazzjoni wara li l-post tal-Eks-Kunsillier Antoine Borg ġie vakat.

Nomina għal sostitut għall-Bord tal-Aġġudikazzjoni

Il-Kunsillier Stephen Borg ippropona lill-Kunsillier Ian Vassallo. Issekonda din il-proposta l-Kunsillier Rudolf Grima. Il-Kunsill qabel unanimament.

3.03 Is-Sindku informa l-laqgħa li l-Onor. Stefan Buontempo kien laqa' l-istedina tal-Kunsill. Hu kompla billi qal li l-laqgħa ser issir nhar l-Erbgħa 9 ta' Ottubru fin-12.30 pm

Laqgħa mal-Onor. Stefan Buontempo

Wara diskussjoni li saret ġie deċiż li l-aġenda għal-laqgħa tkun hekk kif ġej:

- Attivitajiet sportivi organizzati mill-Kunsill
- X' tip ta' għajnuna jista' joffri l-gvern ċentrali lill-Kunsill fejn jidħol sports
- Gruppi u entitajiet Rabtin li jixtiequ jorganizzaw attivitajiet sportivi

3.04 Is-Sindku informa l-laqgħa li l-Kunsill irċieva korrispondenza minn TCTC fejn qed joffru korsijiet tal-kompjuter għall-komunitajiet. Wara diskussjoni dwar dan il-Kunsill qabel li bħal kull sena joffri dawn il-korsijiet fil-lokalità, bil-kundizzjonijiet imnżżla fid-dokument 50/1283/13.

Korsijiet tal-kompjuter

3.05 Is-Sindku informa l-laqgħa li l-Kunsill kien irċieva talba mingħand l-organizzaturi tal-Festa ta' Santa Katarina V.M sabiex il-Kunsill jipprovdi *mobile toilet*s tul il-jiem tal-festa. Ġie deċiż li l-Kunsill jilqa' din it-talba.

Talba għal *Mobile Toilets*

3.06 Is-Sindku informa l-laqgħa li TM kienet qiegħda titlob il-kummenti tal-Kunsill dwar parkeġġ riservat għal persuni b'diżabilità ġo pjazza bejn Triq il-Kbira u Triq San Franġisk.

Parkeġġ riservat għal persuni b'diżabilità ġo pjazza bejn Triq il-Kbira u Triq San Frangisk

Ġie deċiż li l-Kunsill jitlob kjarifika u pjanta taż-żona indikata minħabba li l-indikazzjoni taż-żona ma kinitx ċara.

3.07 Is-Sindku nforma l-laqgha li diversi residenti kienu qed jilmentaw dwar bankina li giet mibdula f'wahda tal-metall f'Sqaq Nru1, Triq San Pawl. Huwa kompla billi qal li din il-bankina qeghda tkun ta' inkonvenjent ghar-residenti specjalment meta jgu biex jipparkjaw.

Ilment dwar bankina tal-ħadid fi Sqaq Nru 1, Triq San Pawl

Ġie deċiż li l-Kunsill jikteb lil sid il-garaxx sabiex mill-aktar fis possibbli jneħħi l-bankina tal-ħadid u jerġa' jagħmel it-triq/bankina fil-kundizzjoni oriġinali tagħha.

3.08 Il-Sindku ppreżenta fuq il-mejda tal-Kunsill stimi għal xogħlijiet ta' *extensive patching* f'dawn it-toroq:

Xogħlijiet infrastrutturali f'diversi toroq

Id-Dwejra
Imtaħleb – *main road*
Imtaħleb – *side road*
Tan-Nadur
Għemieri
Kunċizzjoni
Kunċizzjoni - ħdejn il-knisja

Is-Sindku ppropona li jsiru l-imsemmija xogħlijiet li l-istima tagħhom mogħtija mill-perit tlħħaq għal €50,040.23 Il-Kunsillier Paul Grech issekonda din il-proposta. Il-Kunsill qabel unanimament.

3.09 Is-Sindku ppropona li bħal kull sena jintxraw id-dijarji għas-sena 2014 għall-Kunsilliera, il-membri tal-Kumitati Ammistrattivi u l-*istaff*. Il-Kunsill qabel u awtorizza lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex tiddeċiedi skont il-ħtieġa wara li jkun inġabru l-kwotazzjonijiet.

Xiri ta' dijarji 2014

3.10 Is-Sindku ppropona li jkun hemm bdil fl-ordni tal-aġenda billi jiġi diskuss issa *item* nru 8 tal-aġenda. Dan minħabba li l-Kunsillier Paul Grech li huwa membru tal-Bord tal-Aġġudikazzjoni tal-Offerti ma setgħax jibqa` għal-laqgħa kollha minħabba impenji oħra. Il-Kunsill qabel.

Bdil fl-ordni tal-aġenda

**Sospensjoni tar-Regolamenti**

**F'dan l-istadju tal-laqgħa, il-Kunsill qabel li jirrisolvi fi stadju ta' Bord tal-Aġġudikazzjoni tal-Offerti (hekk kif maħtur f'seduta G 02), sabiex jiddiskuti l-għażla tal-offerta tat-tbattil u tindif tal-*litter bins, dog bins u ash trays*-RLC/T/121/13.**

Sospensjoni tar-Regolamenti

Il-Bord ikkonkluda li ma kien hemm l-ebda offerta li tilħaq mar-rekwiżiti tal-Kunsill u għaldaqstant qed jirrakkomanda lill-Kunsill li l-offerta terġa' tinħareġ mill-ġdid.

**F'dan il-ħin intemmet il-ħidma tal-Bord u għaldaqstant is-seduta rritornat fi stadju ta' Kunsill u kompliet b'*item* nru 8 tal-aġenda.**

**8.00 Għażla tal-offerta tat-tbattil u tindif tal-*litter bins, dog bins u ash trays*-RLC/T/121/13**

8.01 Is-Sindku ppropona li wara li l-Kunsill ra l-opinjoni tal-bord, jaqbel li din l-offerta terġa' tinħareġ mill-ġdid. Il-Viċi Sindku ssekondat din il-mozzjoni. Il-Kunsill qabel unanimament.

**Għażla tal-offerta tat-tbattil u tindif tal-*litter bins, dog bins u ash trays*-RLC/T/121/13**

**4.00 Awtorizzazzjoni tal-Ħlasijiet**

4.01 Is-Sindku Charles Azzopardi talab li jinħarġu l-pagamenti dovuti lill-*LK. Ltd* li jammonta għal €1062 u lil *M. Express* li jammonta għal €1044, imbagħad jiddaħħlu fl-iskeda tal-pagamenti li jmiss. Dan minħabba li dawn il-pagamenti ma laħqux iddaħħlu mal-iskeda tal-ħlasijiet numru 225. Il-Kunsill approva.

Ħruġ ta' pagamenti dovuti lill-*L K Ltd* u *M Express*

4.02 Is-Sindku Charles Azzopardi ppropona li l-iskeda tal-ħlasijiet numru 225 tiġi approvata. Issekondaw din il-proposta l-Viċi Sindku Doris Coleiro u l-Kunsillier Paul Grech. Il-Kunsill qabel unanimament.

L-iskeda tal-ħlasijiet numru 225

**5.00** ***Quarterly Financial Statements* (Jannar - Marzu)**

5.01 Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv ippreżentaw il-*Quarterly Financial Statements* għall-perjodu ta' Jannar – Marzu 2013. Minn dan ir-rapport irriżulta li l-indikatur finanzjarju għat-tliet xhur kien - 4.3%. *Quarterly Financial Statements* (Jannar - Marzu)

Kien innottat li l-Kunsill ħareġ €105,071 aktar mid-dħul kif ukoll kellu €64,549 f'*commitments* oħra.

Is-Sindku ppropona li l-*Quarterly Report* jiġi approvat hekk kif ippreżentat. Issekondat din il-proposta l-Viċi Sindku Doris Coleiro. Kopja ta' dan il-*Quarterly Report* tinsab annessa ma' dawn il-minuti.

**6.00** ***Quarterly Financial Statements* (April - Ġunju)**

6.01 Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv ippreżentaw il-*Quarterly Financial Statements* għal perjodu ta' April – Ġunju 2013. Minn dan ir-rapport irriżulta li l-indikatur finanzjarju għall-ewwel sitt xhur tas-sena hu ta' 5.7% *Quarterly Financial Statements* (April - Ġunju)

Kien innottat il-progress finanzjarju li qed isir mill-amministrazzjoni tal-Kunsill fejn jirriżulta li għall-ewwel sitt xhur tas-sena, il-Kunsill qed ikompli jtejjeb il-pożizzjoni finanzjarja tiegħu.

Is-Sindku ppropona li l-*Quarterly Report* jiġi approvat hekk kif ippreżentat. Issekondat din il-proposta l-Viċi Sindku Doris Coleiro. Kopja ta' dan il-*Quarterly Report* tinsab annessa ma' dawn il-minuti.

**7.00** **Korrispondenza**

7.01 Is-Sindku informa l-laqgħa li l-Kunsill kien irċieva talba mingħand il-Perit Johann Farrugia fejn f'isem il-klijent tiegħu s-Sur Charlot Scicluna kien qed jitlob il-kummenti tal-Kunsill dwar applikazzjoni nru PA 1185/13 sabiex jirregolarizza l-bini ta' kamra għall-użu tat-trobbija tal-ħamiem. Talba dwar applikazzjoni nru PA 1185/13

Ġie deċiż li qabel ma l-Kunsill jasal għal deċiżjoni għandu bżonn xi tip ta' ċertifikazzjoni jekk dawn il-ħamiem humiex tat-tlielaq u jekk fl-affermattiv, f'liema għaqda qiegħed u ċertifikazzjoni wkoll ta' kemm ilu membru.

** Il-Kunsillier Paul Grech talab li jiġi skużat fit-8.10 pm

7.02 B'referenza għall-korrispondenza numru **50/1226/13,** is-Sindku informa l-laqgħa li l-Kunsill kien irċieva talba sabiex issir manutenzjoni ta' Triq Inguanez u jitneħħew ir-*road humps* li kienu ġew installati ftit tax-xhur ilu. Ilment dwar Triq Inguanez

Is-Sindku qal li din it-triq hija fil-pjan ta' ħidma tal-Kunsill sabiex tiġi asfaltata mill-ġdid fix-xhur li ġejjin u dwar ir-*road humps* qal li dawn ġew installati wara li inġab il-permess minn TM fuq talba tar-residenti ta' Triq Inguanez.

Il-Kunsillier Rudolf Grima ssuġġerixxa li qabel il-Kunsill jibda x-xogħlijiet fuq din it-triq naraw fiex waslu l-permessi ta' żvilupp tal-Verdala Hotel tas-sidien AX Holdings. Hu kompla billi qal li jekk it-triq issir qabel dan l-iżvilupp iċ-ċansijiet huma li t-triq terġa' tiddeterjora.

7.03 B'referenza għall-korrispondenza numru **50/1311/13** is-Sindku informa l-laqgħa li l-Kunsill kien irċieva lment dwar Triq Ħad-Dingli. Hu qal li f'din it-triq kompliet tiżdied il-problema fis-sistema tad-drenaġġ wara xogħlijiet ta' manutenzjoni li saru minn TM, bil-konsegwenza li kull meta qed tagħmel ix-xita dan ir-resident qed jispiċċa bl-ilma fil-garaxx tiegħu.

Ilment dwar Triq Ħad-Dingli

Ġie deċiż li l-ilment jintbagħat lil TM u lill-Ministru tat-Trasport u Infrastruttura sabiex tinstab soluzzjoni għal din il-problema mill-aktar fis possibbli.

7.04 Is-Sindku informa l-laqgħa li l-Kunsill kien irċieva lment dwar iż-żona tas-Salvatur. Hu qal li f'din it-triq hemm problema bil-qlib tal-ilma u kull meta qed tagħmel ix-xita hemm resident li qed jispiċċa bl-ilma fl-imħażen tiegħu.

Ilment dwar iż-żona tas-Salvatur

Il-Sindku ppropona li l-Kunsill jitlob parir mingħand il-perit tal-Kunsill kif ukoll stima tax-xogħlijiet meħtieġa u terġa' tittella' f'seduta oħra tal-Kunsill sabiex tittieħed id-deċiżjoni finali. Issekonda din il-proposta l-Kunsillier Ian Vassallo. Il-Kunsill approva.

7.05 B'referenza għall-korrispondenza numru **50/1365/13** is-Sindku informa l-laqgħa li l-Kunsill kien irċieva lment dwar iż-żona ta' Wied l-Bużbież, l-Imtaħleb. Hu qal li dan ir-resident qed jilmenta li minn meta ġiet asfaltata t-triq l-ilma tax-xita qed jaqleb għal ġor-residenza tiegħu.

Ilment dwar Wied l-Bużbież l-Imtaħleb

Ġie deċiż li l-każ jiġi mgħoddi lill-perit tal-Kunsill.

**9.00 Minuti Kumitat Amministrattiv Baħrija- Seduta numru A31**

9.01 Is-Sindku ppropona li l-minuti tal-KA tal-Baħrija A31 jittieħdu bħala moqrija. Il-Kunsillier Peter Paul Azzopardi issekonda din il-proposta. Il-Kunsill qabel. Kopja tal-imsemmija minuti tinsab annessa ma' dawn il-minuti.

Minuti KA Baħrija A31

9.02 Is-Segretarju Eżekuttiv ġabet għall-attenzjoni tal-Kunsill proposta tal-KA tal-Baħrija, fejn kien qed jipproponi li ssir talba sabiex tiġi mwessgħa t-Triq tal-Fiddien li parti minnha tagħmel mar-Rabat. Il-Kunsill qabel unanimament ma' din il-proposta.

Twessiħ ta' Triq tal-Fiddien

**10.00 Minuti Kumitat Amministrattiv tal-Virtù- Seduta numru A31**

10.01 Is-Sindku ppropona li l-minuti tal-KA tal-Virtù A31 jittieħdu bħala moqrija. Il-Kunsillier Stephen Borg issekonda din il-proposta. Il-Kunsill qabel. Kopja tal-imsemmija minuti tinsab annessa ma' dawn il-minuti.

Minuti KA Virtù A31

**11.00 Materji Oħra**

11.01 Il-Sindku Charles Azzopardi ppropona li ssir manutenzjoni ta' Triq il-Merħliet minħabba l-ħofor kbar li fiha. Il-Kunsillier Andrew Mallia ssekonda din il-proposta. Il-Kunsill qabel unanimament li jsir ix-xogħol fuq it-triq imsemmija.

Manutenzjoni ta' Triq il-Merħliet

| | | |
|---|---|---|
| 11.02 | Is-Sindku Charles Azzopardi saħaq dwar il-bżonn li diversi toroq jingħataw il-konkos. Huwa ppropona li jsiru Triq il-Palazz u Binġemma. Il-Kunsillier Rudolf Grima ssekonda din il-proposta. Il-Kunsill qabel unanimament li jsir ix-xogħol fuq it-toroq imsemmija. | Manutenzjoni ta' Triq il-Palazz u Binġemma |
| 11.03 | Il-Kunsillier Peter Paul Azzopardi talab li ssir bozza fuq arblu fiż-żona tal-Ħamri ħdejn is-serer. Il-Kunsill qabel li ssir talba lill-Korporazzjoni Enemalta. | Talba għal bozza fuq arblu fiż-żona tal-Ħamri |
| 11.04 | Il-Kunsillier Peter Paul Azzopardi talab li jsir *cover* adekwat lill-bozza li hemm ġo Triq il-Fidloqqom k/m Triq Sammy Abela minħabba li r-residenti qed jilmentaw li qed ikollhom dawl qawwi fir-residenzi tagħhom. | Ilment dwar il-bozza ta' Triq il-Fidloqqom |
| 11.05 | Il-Kunsillier Peter Paul Azzopardi qal li fi Triq il-Katakombi hemm fanal bil-bieba miftuħa. | Ilment dwar fanal fi Triq il-Katakombi |
| 11.06 | Il-Kunsillier Andrew Mallia talab li Triq l-Iskultura tiġi asfaltata mill-ġdid minħabba li qed iżżomm ħafna ilma. Il-Kunsill qabel li din it-triq issir fix-xhur li ġejjin. | Asfaltar ta' Triq l-Iskultura |
| 11.07 | Il-Kunsillier Andrew Mallia qal li r-residenti ta' Blk A, Triq Għajn Qajjet qed jilmentaw li fiż-żmien il-leġiżlatura preċedenti, il-Kunsill qala' l-madum tal-entratura tal-blokka tagħhom u x-xogħol ma tkompliex.<br><br>Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat il-laqgħa li kienet ser tiċċekkja dwar dan il-każ. | Blk A, Triq Għajn Qajjet |
| 11.08 | Il-Viċi Sindku Doris Coleiro qalet li issa li l-ħaddiema tal-IPSL li kellu l-Kunsill kienu ser jispiċċaw hija ssuġġeriet li l-Kunsill jissieħeb fl-iskema ta' xogħol fil-komunità, mill-*inmates* tal-Faċiltà Korrettiva ta' Kordin. | Skema ta' xogħol fil-komunità, mill-*inmates* tal-faċiltà korrettiva ta' kordin |
| 11.09 | Il-Kunsillier Ian Vassallo ppropona li l-Kunsill jitlob lill-kumpanija *Green MT* sabiex tibgħat avviż dwar il-ġranet u l-ħinijiet tal-ġbir tal-iskart reċiklat f'kull residenza. Issekondat din il-proposta l-Viċi Sindku Doris Coleiro. Il-Kunsill qabel unanimament. | Avviż dwar il-ġranet u l-ħinijiet tal-ġbir tal-iskart reċiklat |
| 11.10 | Il-Kunsillier Ian Vassallo qal li kienu waslulu diversi lmenti li l-latrina ta' Triq il-Kulleġġ qiegħda tkun maħmuġa u fi stat ta' telqa.<br><br>Is-Sindku qal li kienet diġà inġibdet l-attenzjoni tal-kuntrattur wara li kienu daħlu wkoll diversi lmenti fl-uffiċċju tal-Kunsill. Huwa qal li l-kuntrattur qed tisħaq li qed isiru diversi atti vandali fuq il-latrina minn nies mhux magħrufa.<br><br>Ġie deċiż li tiġi installata sistema ta' CCTV filwaqt li l-Kunsill għandu jibda joħroġ *default notices* lill-kuntrattur jekk jirriżulta traskuraġni min-naħa tal-kuntrattur. | Ilmenti dwar il-latrina ta' Triq il-Kullegg |
| 11.11 | Il-Kunsillier Ian Vassallo qal li s-Saqqajja ħdejn il-BOV hemm xi madum maqlugħ. | Madum maqlugħ fuq is-Saqqajja |
| 11.12 | Il-Kunsillier Ian Vassallo talab li ssir manutenzjoni ta' Triq Għeriexem ħdejn *John l-ispayer* minħabba d-diversi ħofor li fiha. Il-Kunsill qabel unanimament li jsir ix-xogħol fuq it-triq imsemmija. | Xogħol ta' manutenzjoni fi Triq Għeriexem |
| 11.13 | Il-Kunsillier Rudolf Grima qal li r-residenti ta' Old Żebbuġ Rd ġew infurmati li mal-fossa ser jitqabbad biss is-servizz tad-drenaġġ tax-*Xara Lodge*, għaldaqstant huwa ppropona li l-Kunsill jikteb lill-Ministru għall-enerġija u l-konservazzjoni tal- | Il-fossa ta' Old Żebbuġ Rd |

ilma, sabiex ma' din il-fossa jitqabbad ukoll is-servizz tad-drenaġġ tar-residenti. Il-Kunsillier Ian Vassallo issekonda din il-proposta. Il-Kunsill qabel unanimament.

**12.00 Data tas-seduta li jmiss**

12.01 Il-Kunsill qabel li l-laqgħa tal-Kunsill li jmiss għandha ssir nhar it-Tlieta 15 ta' Ottubru 2013 fis-7.00 ta' filgħaxija.

12.02 Il-laqgħa ntemmet fl-10.00 ta' filgħaxija.

Minuti approvati llum it-Tlieta 15 ta' Ottubru 2013

**Charles Azzopardi**
**Sindku**

**Orietta Masini Cardona**
**Segretarju Eżekuttiv**